



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2010/0137(COD)

7.9.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa

(COM(2010)0256 – C7-0134/2010 – 2010/0137(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sarah Ludford

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-Parlament Ewropew talab b'mod konsistenti għal-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viża għall-pajjiżi Balkani tal-Punent. Dan ir-reġim qatt ma rnexxielu jilħaq l-għan tiegħu li jimpedixxi lin-netwerks kriminali milli jaqsmu l-fruntieri; madankollu dan ir-reġim huwa ta' xkiel għall-persuni ordinarji mill-Balkani, għax la jippermettilhom li jaraw b'għajnejhom stess x'tirappreżenta l-Unjoni Ewropea u lanqas li jiżviluppaw relazzjonijiet soċjali u professjonalni mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE.

Fid-19 ta' Diċembru 2009 tliet pajjiżi - is-Serbja, il-Montenegro u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja - ingħataw aċċess fl-UE mingħajr il-ħtieġa tal-viża. L-Albanija u l-Bosnja-Herzegovina ma kinux inklużi fil-proposta inizjali, iżda dan l-aħħar għamlu sforzi sostanzjali biex jissodisfaw il-kriterji meħtieġa ġalli jikkwalifikaw għall-istess tneħħija ta' din il-ħtieġa. Il-proposta attwali li jiġi illiberalizzat ir-reġim tal-viża għal dawn il-pajjiżi tirrikonoxxi dan il-progress, u hija pass importanti fl-estensjoni tal-aċċess mingħajr viża għar-reġjun kollu.

Dan il-proċess ma għandux jieqaf mal-proposta attwali. Iċ-ċittadini tal-Kosovo ma għandhomx jitħallew iħossuhom iżolati bħala l-uniku poplu fil-Balkani tal-Punent li ma jistax jivvjaġġa b'mod liberu, iżda l-iffaċilitar tal-viża u l-liberalizzazzjoni tal-viża għandhom jiġi estiżi għal dan il-pajjiż ukoll. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tibda d-djalogu dwar viża mal-Kosovo sabiex il-faċilitazzjoni tal-viża tkun tista' tingħata hekk kif l-awtoritajiet jissodisfaw il-kriterji kollha.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li c-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pusseß tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk i-ċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa
Referenzi	COM(2010)0256 – C7-0134/2010 – 2010/0137(COD)
Kumitat responsabbi	LIBE
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 15.6.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Baroness Sarah Ludford 23.6.2010
Eżami fil-kumitat	6.9.2010
Data tal-adozzjoni	6.9.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 41 - : 2 0 : 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Sir Robert Atkins, Dominique Baudis, Bastiaan Belder, Frieda Brepoels, Arnaud Danjean, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Heidi Hautala, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Barry Madlener, Kyriakos Mavronikolas, Alexander Mirsky, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Pier Antonio Panzeri, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Hannes Swoboda, Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Graham Watson
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Emine Bozkurt, Reinhard Bütkofer, Lorenzo Fontana, Roberto Gualtieri, Baroness Sarah Ludford, Nadezhda Neynsky, Doris Pack, György Schöpflin, Dominique Vlasto
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Filip Kaczmarek